# IL-BELT BELAND

No. 2 — LEHEN IL-PARROĊĊA TAŻ-ŻEJTUN — Marzu 1970


*EDITORJAL*

## BIDU TAJJEB

Il-mod kif ġiet milqugħa l-ewwel ħarġa tal-ġurnal tagħna għamlitilna l-kuraġġ li noħorġu t-tieni numru.

Billi din il-ħarġa hi fir-randan jixraq li tkun dedikata bħala l-ħarġa tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' l-Għid, u għalhekk taraw li fiha qed nagħtu tagħrif dwar il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u dik ta' San Girgor.

Huma ta' għajnuna għalina r-reklami li qed jidhru f'dan il-ġurnal u għalhekk nitolbu lill-qarrejja kollha li fil-bżonnijiet tagħhom jiftakru fl-oġġetti eċċ. reklamati f'din il-ħarġa.

Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li qed igħinu fil-pubblikazzjoni tal-ġurnal. Lill-kittieba ta' l-artikli, lil dawk li jagħtuna tagħrif ta' ħtieġa, lil min qed jiġbrilna r-reklami u lil min igħin fil-bejgħ tiegħu. Ebda familja Żejtunija m'għandha tonqos li tixtri kopja, u aħna żguri, għax waslulna bosta ittri, li l-emigranti Żwieten jieħdu pjaċir li jirċievu kopja.

Nixtiequ wkoll li dawk il-ħbieb tagħna li jistgħu jixxierku bħala sostenituri tal-ġurnal, billi jibgħatulna mill-anqas TMINTAX IRBIEGĦI fis-sena bħala għajnuna u aħna nibgħatulhom il-ġurnal id-dar b'xejn.

Jekk ikollna din il-għajnuna l-ġurnal ikun jista' joħroġ aktar ta' sikwit. Materjal x'nippublikaw għandna ħafna, u kittieba biex jagħtuna artikoli ta' tagħlim u tagħrif hemm ukoll. Li jinħtieġ biss huwa li jinġabru l-ispejjeż ta' l-istampar mill-bejgħ u mir-reklami.

U sabiex iż-żgħar tagħna jinteressaw ruħhom fir-raħal u fil-ġurnal qed ninkludu kompetizzjoni żgħira u aħna ser nistennew li l-għadd tat-tfal li jieħdu sehem fiha ser ikun kbir ħafna.

Mill-ġdid nirringrazzja l-kollaboraturi, ħbieb u qarrejja u nagħti lil kulħadd il-Għid it-Tajjeb.

## Ħniena

Erġajt lura fil-ġrajja
U rajtu fuq il-għuda:
L-imsiemer kiesħa qed jgħawru bejn l-għadmiet,
Ix-xewk fuq ġbinu jagħfas,
Il-ġrieħi jħokku bla waqfien ma' l-injamiet.
"Missier, Missier!" jgħajjat,
Jokrob,
Jintelaq,
Jonfoħ ir-riħ . . . jitbandal is-salib,
Xuxtu tittajjar,
Ir-demm ta' l-ilma jċarċar,
Twerżaq il-kotra mriegħda
Li hemm miġbura qrib!

Neża' l-artal mill-ward u x-xema' jixgħel,
Iddallam il-maqdes
U l-hena donnha nħbiet,
Ix-xniegħa mriegħda fuq kull fomm tinstama',
Jibku l-iltiema, u jtennu
"Ġesù miet!"

Iżda ġo rokna waħda
Għad hemm il-faraġ,
Qalb il-buqari u l-ġiżi
Qalb fwieħa tas-smewwiet,
Hemm Ġesù ħaj — bir-ruħ u l-ġisem bħalna,
Moħbi tant l-Għaġeb li waqqaf qabel miet.
U dieħla żżuru l-kotra:
Slaleb u fanali
Srabat ta' nies ġejjin,
U Hu jilqa' 'l kulħadd b'idejH miftuħa,
Jgħannaq lit-twajba,
Jgħannaq lill-midinbin.

Tibqa' kull sena tteni l-ġrajja
Ta' Bniedem fuq il-għuda,
Bejn sema w art merfugħ,
Kuljum jinfdulu sidru, demmu jċarċru,
U Hu jaħfer kuljum
Lil dawk illi jsallbuh.

TREVOR ZAHRA
5-4-1966

# Paraliturgija Maltija Nhar il-Gimgħa l-Kbira

minn DUN JOE ABELA

## DIFFERENZA BEJN LITURĠIJA U PARALITURĠIJA

**Il-kelma "paralitur̄ġija" ma fiha l-ebda sens ta' tmaqdir. Sempliċement tfisser funzjoni sagra li ssir bil-barka tal-Knisja, imma li ma hix strettament liturġika, għalkemm tixbaħ lil funzjoni liturġika. Filwaqt li funzjoni liturġika titmexxa fuq il-kotba liturġiċi maħruġa uffiċjalment mill-Knisja, u għalhekk hi l-istess fil-knejjes kollha jinsabu fejn jinsabu, funzjoni paraliturġika mhix regolata fid-dettalji tagħha mill-ebda awtorità liturġika, u għalhekk jew hi partikulari għal pajjiż wieħed, jew tvarja sewwa minn post għall-ieħor.**

Niftehmu aħjar b'eżempju: Nhar il-Ġimgħa l-Kbira wara nofs in-nhar hawn Malta nagħmlu funzjoni twila, l-ewwel parti fil-knisja, li tikkonsisti fil-Qari tal-Profesziji, ir-Rakkont tal-Passjoni u l-Mewt tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu, ir-reċita ta' Talb speċjali, l-Adorazzjoni tas-Salib u t-Tqarbin — din il-parti tal-funzjoni hi kollha kemm hi liturġika. It-tieni parti tikkonsisti fil-Purċissjoni madwar il-parroċċa bil-vari li jirrappreżentaw b'mod l-aktar ħaj u drammatiku l-Passjoni u l-Mewt ta' Ġesù; din it-tieni parti nsejħulha funzjoni paraliturġika.



## IL-PURĊISSJONI ITTRATTATA MIL-LAT STORIKU

L-intenzjoni tiegħi hi li nitkellem fuq din il-paraliturġija Maltija mil-lat storiku. Naraw daqsxejn kif din il-Purċissjoni taqbel mal-funzjonijiet liturġiċi li kienu jsiru fl-ewwel żmenijiet tal-Knisja; nippruvaw nagħtu wkoll xi tagħrif dwar kif din il-Purċissjoni bdiet u sviluppat ruħha hawn Malta, fil-waqt li nagħmlu riferenza speċjali għall-parroċċa taż-Żejtun. Għalhekk m'għandi l-ebda ħsieb li noqgħod hawn niddeskrivi l-Purċissjoni; tkun wara kollox deskrizzjoni żejda, peress li lkoll kemm aħna rajna l-Purċissjoni kemm-il darba u nafu tajjeb f'hiex tikkonsisti.

## VJAĠĠ TA' AETHERIA

Dokument importanti għalina huwa dak li jiddeskrivi il-vjaġġ ta' ċerta Aetheria, waħda pellegrina li marret Ġerusalemm fis-seklu V. F'dan id-dokument insibu spjegazzjoni dettaljata tal-funzjonijiet li kienu jsiru nhar il-Ġimgħa l-Kbira f'dik il-belt qaddisa. Storikament il-funzjonijiet tagħna tal-Ġimgħa l-Kbira jiddependu mill-ħajja liturġika Nisranija f'Ġerusalemm antika. Nafu minn dan id-dokument li f'dawk iż-żmenijiet antiki kienet issir funzjoni twila nhar il-Ġimgħa l-Kbira bil-lejl f'postijiet diversi ġewwa Ġerusalemm, minn fejn Ġesù Kristu għadda u fejn bata tant fil-lejl tal-Passjoni tiegħu. Għandna deskrizzjoni sabiħa tal-Purċissjoni li kienet titlaq miċ-Ċenaklu fejn Ġesù waqqaf l-Ewkaristija tibqa' sejra għall-Ġetsemani u l-palazz ta' Kajfas, u hekk issegwi t-triq li għamel Ġesù. Aetheria tagħtina ħafna dettalji fuq din il-Purċissjoni li kienet tkun immexxija mill-isqof stess. Hi tagħmel enfasi fuq il-qari ta' l-Iskrittura li kien isir f'kull post fejn kienet tieqaf il-Purċissjoni; dan il-qari dejjem kien ifakkar f'dak li sar jew intqal minn Ġesù f'dak il-post partikulari fejn tkun waqfet il-Purċissjoni. Nikkwotaw hawn il-kelmiet li bihom tiddeskrivi dak li kien isir fiċ-Ċenaklu: "U hemm filwaqt li jdumu forsi wkoll sal-Hames siegħa tal-lejl bejn il-Hamis u l-Ġimgħa, ikantaw innijiet u antifoni adattati għall-jum u l-post, jaqraw lezzjonijiet u jirreċitaw it-talb, jaqraw ukoll dawk il-partijiet tal-Vanġelu li fihom il-kliem li Ġesù qal lill-Appostli tiegħu fl-istess jum u fl-istess post fejn il-lum hemm il-knisja" (Vjaġġ ta' Aetheria, Kap. 35).

## PURĊISSJONI DESKRITTA MINN AETHERIA

Aetheria tkompli tgħidilna kif wara kienu fil-post fejn talab il-Mulej, kif hu miktub fil-Vanġelu, "Tbiegħed minnhom daqs tefgħa ta' ġebla u qagħad jitlob.' Hemmhekk il-lum hemm knisja sabiħa. Jidħol l-isqof u l-poplu kollu, tingħad it-talba adattata għall-post u l-jum . . ." Hawn mela għandna tifkira ta' dak li għamel Ġesù fl-Ort tal-Ġetsemani. Il-funzjoni u l-Purċissjoni kienu jibqgħu sejrin hekk f'diversi postijiet — dejjem bil-kant ta' l-innijiet, qari mill-Iskrittura u talb .Meta kien jibda jisbaħ kien jinqara il-pass tal-Vanġelu li jirrakkonta kif Ġesù ġie meħud quddiem Pilatu: "Huma kienu jitolbu quddiem il-kolonna fejn ġie fflaġellat il-Mulej" (Vjaġġ ta' Aetheria, Kap. 35). Wara l-Isqof kien jibgħat lil kulħadd jistrieħ ftit id-dar biex iħejju ruħhom għall-bqija tal-funzjoni nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

## KONNESSJONI BEJN RIT BIŻANTIN U L-PURĊISSJONI TAGĦNA?

Il-funzjoni liturġika tagħna tal-Ġimgħa l-Kbira hi bbażata ħafna fuq id-deskrizzjoni li Aetheria tagħti tal-funzjoni liturġika li kienet issir Ġerusalemm. Imma kif wieħed jara mill-kwotazzjonijiet li ġibna, Aetheria ma titkellimx biss dwar il-funzjonijiet li kienu jsiru fil-knejjes; turina wkoll kif folol kbar ta' nies kienu jakkompanjaw lill-isqof f'Purċissjoni penitenzjali fit-toroq ta' Ġerusalemm biex iżuru l-postijiet konnessi mal-Passjoni u l-Mewt ta' Ġesù. Issa nistħajjel li xi ħadd isaqsi: "Imma x'konnessjoni għandha l-Purċissjoni tagħna ma' dik il-Purċissjoni li kienet issir f'Ġerusalemm f'dawk l-ewwel żmenijiet?" S'intendi jekk ngħid li l-Purċissjoni tagħna ġejja direttament minn dik il-funzjoni, inkun qiegħed nippretendi wisq. Imma ta' min jiftakar li l-funzjonijiet tal-Biżantini (Griegi) kienu svilupp tal-funzjonijiet antiki ta' Ġerusalemm, u l-funzjonijiet tagħna hawn Malta ġew influwenzati ħafna mill-Griegi. Ma ninsewx li għal mijiet ta' snin qabel il-miġja tal-Konti Ruġġieru hawn Malta fis-seklu ħdax, il-gżira tagħna kienet ekkleżjastikament taħt Kostantinopoli, u allura kienet tagħmel mal-Griegi. Il-funzjoni Griega tagħti importanza lil ċertu velu irrakkmat li kien jirrappreżenta id-difna ta' Ġesù (epitaphion). Dan il-velu kien jiġi mqiegħed fuq speċi ta' monument li kien ifisser il-qabar ta' Ġesù u imbagħad kien jiġi meqjum mill-kleru u l-poplu (Ara t-tubru tagħna sa ftit

ilu). Issa huwa fatt li l-ewwel vara li kienet teżisti fil-Purċissjonijiet tagħna kienet tkun il-"monument".

### ORIĠINI TAL-PURĊISSJONI TAGĦNA

Jidher għalhekk wisq probabbli li l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tagħna kellha relazzjoni mal-funzjoni Griega tal-Ġimgħa l-Kbira, u bdiet qabel il-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann hawn Malta fis-sena 1530. Tant hu hekk, li skond dokumenti antiki miżmuma fl-Arkivju ta' l-Imdina, l-użanza tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira bdiet dieħla Malta fis-seklu ħmistax, bejn wieħed u ieħor allura, mitt sena qabel il-miġja tal-Kavallieri. S'intendi il-Purċissjoni għall-ewwel bdiet b'vara waħda. Il-Purċissjoni kompliet issaħħet u sviluppat ruħha wara l-miġja tal-Kavallieri. Il-Kavallieri qabel ma rċevew gżiritna mingħand l-Imperatur Karlu V, kienu fil-gżira ta' Rodi, gżira Griega. Meta ġew hawn huma ġiebu magħhom madwar 4,000 Grieg, numru konsiderevoli meta tiftakar li b'kollox Malta ma kienx hawn dik il-ħabta aktar minn 20,000 ruħ. Dawn trid tgħoddhom ma' dawk il-Maltin li x'aktarx kienu għadhom ta' rit Grieg, kif baqgħu wkoll wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru li kien Norman. Għalhekk mela r-rit Grieg kellu influwenza ġmielha fil-ħajja reliġjuża Maltija. Mhux ta' b'xejn li l-maġġoranza talparroċċi antiki ta' Malta, inkluża tagħna, għandhom bħala padruni qaddisin tal-Knisja Griega! Nispera li darb'oħra jkolli ċ-ċans nitkellem magħkom dwar l-influwenza kbira li ħalliet il-Knisja Griega f'Malta. ,

### KUNTATTI MA' SPANJA

Meta ġew hawn Malta, il-Kavallieri għall-ewwel snin kienu marru joqgħodu l-Birgu; dan kien qabel ma bnew il-Belt Valletta. Il-preżenza tal-Gran Mastru u d-dinjitajiet l-oħra ta' l-Ordni kienet iżżid l-isplendur tal-funzjonijiet li allura kienu jsiru l-Birgu. Għall-istorja tal-Purċissjoni iżda, kien aktar interessanti li l-baħħara tal-Birgu kien spiss ikollhom ma' Spanja f'dawn iż-żmenijiet. Kien proprju dan il-kuntatt li għen sewwa l-iżvilupp tal-Purċissjoni Maltija. Għandna għaliex inkunu rikonoxxenti lejn il-baħħara tal-Birgu, li f'waħda minn dawn iż-żjajjar tagħhom fi Spanja, raw hemm xi vari tal-Ġimgħa l-Kbira, u meta ġew Malta ippruvaw jimitaw lill-Ispanjoli, mhux biss billi jżidu in-numru ta' vari sa tmienja, imma wkoll billi jlibbsuhom ħwejjeġ veri. Dan l-isvilupp fil-Purċissjoni tagħna sar fis-seklu sbatax. L-idea tal-vari mlibbsin ħwejjeġ bħal tagħna ma tantx qabdet hawn Malta, għalkemm għad għandna l-espressjoni, "sabiħ u aħmar bħall-libsa tar-Redentur". In-numru imma ta' tmien vari deher li ntogħġob ħafna, tant li filwaqt li qabel fil-Purċissjoni kienet toħroġ biss xi vara waħda, issa bil-mod il-mod in-numru beda jiġi miżjud sa tmienja. Kien biss reċentament li komplew inxtraw xi vari oħra, u f'xi parroċċi, bħal taż-Żejtun, in-numru laħaq saħansitra t-tnax.

### KUNTATTI MA' SQALLIJA

Hija ħaġa naturali li, peress li Malta għamlet żmien twil ukoll bħala parti mid-djoċesi ta' Palermo, fi Sqallija, wkoll kienu ta' importanza ġmielha fl-iżvilupp tal-Purċissjoni tagħna. Nafu li l-Purċissjonijiet simboliċi, li fihom jieħdu sehem persuni mlibbsin b'mod li jirrappreżentaw persunaġġi mill-Iskrittura, huma antiki ferm fi Sqallija. Fil-fatt dawn il-persunaġġi jidhru wkoll fil-Purċissjoni tagħna. Minn Sqallija wkoll ħadna l-idea ta' tfal li jġorru tabelli bil-kitba fuqhom.

Jidher għalhekk li mhux lakemm taqbad tgħid meta u x'kien eżatt l-oriġini tal-Purċissjoni hawn Malta, peress li Malta kellha fl-istorja tagħha kuntatt ma ħafna popoli. L-idea fundamentali ta' Purċissjoni, kif rajna, hi antika ħafna fil-Knisja, għaliex kienet diġà ssir Purċissjoni fis-Seklu V f'Ġerusalemm. Fil-fatt il-Purċissjoni saret parti mir-rit Grieg. Fis-seklu XV kellna l-użanza tal-Purċissjoni diġà, probabilment b'vara walda, għaliex aħna żguri li l-idea tat-tmien vari daħħalnieha minn Spanja mitejn sena wara. Minn Sqallija ħadna d-drawwa ta' persunaġġi bibliċi u tfal bil-kitba f'idejhom. Hekk ġew stabiliti l-Purċissjonijiet tagħna tal-Ġimgħa l-Kbira.

### IL-PURĊISSJONI FIŻ-ŻEJTUN

X'ingħidu għaż-Żejtun? Ma nafux eżatt liema kienet is-sena meta fiż-Żejtun ħarġet l-ewwel darba din il-Purċissjoni, peress li l-arkivju parrokkjali ma jagħtina l-ebda informazzjoni. M'għandniex ninsew imma, illi fis-sena 1436, iż-żmien meta bdiet dieħla hawn Malta l-użanza tal-Purċissjoni, iż-Żejtun kien diġà paroċċa. Probabilment mela, iż-Żejtun kien wieħed mill-ewwel irħula li daħħal il-il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Għaddew is-snin u nħolqu parroċċi ġodda, u xi wħud minnhom tħajru huma wkoll jagħmlu l-Purċissjoni. Naraw allura li għal żmien twil il-Purċissjonijiet kienu joħorġu fi ġranet differenti, per eżempju, nafu li f'Ħal-Qormi kienet toħroġ nhar Hadd il-Palm, il-Belt Valletta u Hal Għaxaq nhar Hamis ix-Xirka. Kien l-Isqof Carmelo Scicluna, li fis-sena 1879 ordna li l-Purċissjonijiet jibdew isiru kollha fl-istess jum, jiġifieri nhar il-Ġimgħa l-Kbira, bħala l-jum l-aktar adattat għalihom, peress li jirrappreżentaw b'mod ħaj u espressiv il-Passjoni u l-Mewt tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu.

Rajna mela li din il-paraliturġija Maltija hi waħda mit-tradizzjonijiet l-aktar devoti u antiki tagħna l-Maltin. Xhieda ta' dan għandna wkoll il-ħeġġa u d-devozzjoni li bihom il-poplu Malti jassisti għal din il-Purċissjoni. Nagħmlu ħilitna kollha allura, biex inżommu ħajja tradizzjoni hekk sabiħa u ngħadduha lil ta' warajna.


**KNISJA GHALL-WIRI**

**B'SETT TA' VARI**

**TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA**

Bħal snin oħra s-Sur Nazz Gauci sejjer jarma l-knisja tiegħu f'numru 27 Triq Santa Marija, iż-Żejtun.

Wieħed ikun jista' jara sett ta' vari artistiċi magħmula mis-Sur Gauci stess, flimkien ma' sett bandalori tal-bellus rakkmati bid-deheb.

Għal din is-sena s-Sur Gauci sejjer iżanżan Via Sagra ġdida wkoll.

TKUN MIFTUĦA MIT-22 SAD-29 TA' MARZU 1970.

MILL-4.30 SAT-8.00 P.M. (Il-Ġimgħa u s-Sibt il-ġurnata kollha)



**L-ITJEB MINERALI GARANTITI**

**HUMA L-PRODOTTI TAL-**

**Winner Mineral Factory**

ST. MONICA STREET — ZEJTUN

*Tel. No. C. 27876*

# PRIEDKI TAR-RANDAN FIL-PARROCCA

**Eżerċizzi fil-knisja parrokkjali:** Għan-nisa miżżewġa: Mill-Hadd, 1 ta' Marzu, sas-Sibt, 7 ta' Marzu. Rużarju fit-2.45 p.m. Priedka fit-3.00 p.m. ir-Rev. L. Cini OSA.

.Għall-Irġiel Miżżewġa: Mill-Hadd, 8 ta' Marzu, sal-Hadd, 15 ta' Marzu. Quddiesa fis-6.30 p.m. Priedka fis-7.00 p.m. mill-W.R. Mons. Lawrence Zammit.

Għax-xebbiet: Mit-Tnejn, 16 ta' Marzu, sas-Sibt, 21 ta' Marzu. Quddiesa fis-6.30 p.m. Fis-7.00 p.m. priedka mir-Rev. Mattew Magro. ,

**N.B.:** Il-ħinijiet mniżżlin hawn fuq jgħoddu għall-granet ta' matul il-ġimgħa. Nhar il-Hamis, 19 ta' Marzu, taħbat il-Festa ta' San Ġużepp. Issir għalhekk il-priedka fuq il-qaddis mir-Rev. Mattew Magro fl-4.30 p.m. u l-Quddiesa toħroġ fil-5.30 p.m. Nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu issir il-Festa tad-Duluri. Il-priedka ssir mill-istess predikatur fil-5..00 p.m.; imbagħad toħroġ il-Purċissjoni u wara l-Purċissjoni jkollna l-Quddies.a

**Eżerċizzi fil-knisja ta' Santa Marija ta' Hal Tmin:** Għan-nisa: Mit-Tnejn, 9 ta' Marzu, sal-Ġimgħa, 13 ta' Marzu. Rużarju fl-4.15 p.m. Fl-4.30 p.m. priedka mir-Rev. Carmelo Ferrante O.C.

Għall-Irġiel: Mit-Tnejn, 9 ta' Marzu, sal-Ġimgħa, 13 ta' Marzu. Rużarju fis-6.15 p.m. Fis-6.30 p.m. priedka mir-Rev. Carmelo Ferrante O.C.

**N.B.** Is-Sibt, 14 ta' Marzu, ma ssirx il-priedka, imma jkun hemm il-Qrar għan-nisa u l-irġiel.

**Eżerċizzi fil-Juventutis Domus:** Għall-Ġuvintur: Mit-Tnejn, 16 ta' Marzu, sas-Sibt, 21 ta' Marzu. Rużarju fis-7.00 p.m. Fis-7.15 p.m. priedka.

## KOMPETIZZJONI GHAT-TFAL

Din hi quizz biex naraw kemm it-tfal Żwieten jinteressaw rwieħhom dwar ir-raħal tagħhom.

Jingħataw tlett premjijiet ta' kotba bil-Malti lil dawk it-tfal li l-mistoqsijiet tagħhom ikunu tajbin, u li l-ittri tagħhom ikunu l-ewwel jinfetħu.

Ġo l-ittra mar-risposti għamel karta b'ismek, l-indirizz, l-età u xi skola tmur u bolla ġdida ta' żewġ soldi.

### IL-QUIZZ

Kemm il-karrozza tal-Linja għandna fir-raħal?

Għal fejn jaħdmu dawn il-karrozzi?

Kemm il-kappillan kellna fir-raħal minn mindu saret parroċċa?

Kemm ilha mibnija l-Knisja l-Ġdida?

Min kien il-Bandolier?

F'liema sena t-team taż-Żejtun kien għoddu tela' fil-First Division?

X'kien jismu l-mexxej taż-Żejtun fil-gwerra kontra l-Franċiżi?

Kemm mietu nies meta fil-gwerra li għaddiet waqgħet il-bomba fil-pjazza?

Kemm kellna każini tal-baned qabel il-gwerra?

X'kien is-Sindku tar-Raħal?

Min ta l-isem ta' BELT BELAND liż-Żejtun?

Kemm kellna arċipreti Żwieten minn mindu twaqqfet il-parroċċa?

**It-tweġibiet iridu jaslu sal-21 ta' Marzu.**


L-AHJAR MATERJAL GHAL BINI TA' DAREK

HU DEJJEM BHALMA KIEN MINN ŻMIEN

TA' DEJJEM

***Il-Gebla ta' Malta***

*JEKK ISSIB DIFFIKULTA' FL-ORDNI TAL-ĠEBEL*

*IRRAPPORTA LILL-UNION TAL-BARRIERI*

**TEL. 25369**

# X'JIKTBULNNA L-QARREJJA

## BINI STORIKU

Sur Editur,

Nixtieq illi s-Soċjetà tiegek tuża l-influenza tagħha kollha ma' min hu responsabbli sabiex tieħu ħsieb dawk il-fdalijiet Rumani li jingħad li hemm fl-iskola tas-subien.

L-awtoritajiet tal-mużew, kemm il-darba marru fuq il-post iżda milli jidher kollox miet fuq ommu. Hawnhekk ma nistax ma nsemmix id-dixxiplina li jużaw is-Surmast u t-teachers fuq it-tfal, biex dawn ma jersqux lejn il-post. Kieku ma kienux huma t-tfal ilhom li għamlu ħerba mill-post.

Ma nistax nifhem il-għala din l-attitudni bierda ta' l-Awtoritajiet konċernati fejn jidħol iż-Żejtun. Mur ara li kieku hemm xi fdalijiet Rumani xi mkien ieħor. Kemm propoganda u trombi.

Għalhekk nitlob lill-Awtorità tgħidilna jekk dawk il-fdalijiet Rumani humiex ta' importanza jew le. Jekk "iva" allura jiġu kkurati sewwa u jekk "le" allura jitneħħew, dak li hemm bżonn u jsir spazju u jitneħħa l-periklu li t-tfal jistgħu joqgħodu jiġġerrew fl-inħawi.

Widna.

## IL-PADRUNA TAGHNA SANTA KATERINA

Sur Editur,

Nixtieq nagħti prosit lil Dun Joe Abela għall-artiklu sabiħ u ta' tagħlim fuq l-eżistenza tal-padruna tagħna li hu ppublika fl-ewwel ħarġa tal-ġurnal tagħna.

Dun Joe kellu l-kuraġġ juri dak li sab fl-istħarriġ tiegħu, ma qagħadx jomgħod il-kliem u mingħajr ma esprima opinjoni ħalla f'idejn il-qarrejja jaslu huma għal fehma tagħhom.

Iżda Dun Joe kien eżatt ħafna meta għamel enfasi qawwija fuq it-TRADIZZJONI. Allaħares kellna nbarru għal kollox it-tradizzjoni mir-reliġjon tagħna, għax ma nafx fejn insibu ruħna. Terġa' kemm-il darba għorrief kbar bdew l-istudju tagħhom minn tradizzjoni u fl-aħħar irnexxielhom isibu provi bil-kitba? It-tradizzjoni ma tiġix mix-xejn. Jista' jkun li l-padruna tagħna ma kienx jisimha Katerina, aktarx li hekk, jista' jkun ukoll li hemm xi esaġerazzjonijiet fil-ħajja tagħha kif nafuha llum, għax kull min jagħmel paniġirku kien iżid xi ħaġa, iżda jibqa' l-fatt li kittieba antiki ma qalgħux minn żniedhom dak li kitbu, anki jekk ibbażaw fuq it-tradizzjoni, fi żmienhom it-tradizzjoni kienet tant FRISKA li ma setgħetx kienet żbaljata.

Għalhekk nifraħ minn qalbi lil Dun Joe, u nibqgħu nqimu l-padruna tagħna u l-virtuijiet tagħha, u sakemm l-istudjużi isibu u jagħtuna l-veru jsimha nibgħu ngħarfuha u ngħożżuha bħala Katerina.

**Veru Iben Tagħha.**

## *Il-Quddiesa taż-Żgħażagħ fiż-Żejtun*

Kemm saċerdoti, kif ukoll lajċi, li għandhom tassew għall-qalbhom il-ġid spiritwali taż-żgħażagħ, m'humiex biss kuntenti b'attendenza tagħhom għall-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd; quddiesa li jqisuha bħala pis u mhux bħala okkażżjoni li fiha ż-żagħżugħ jiltaqa' ferħan ma' Kristu. Għalhekk ftit taż-żmien 'l hawn, f'numru sabieħ ta' parroċċi, bdew jorganizzaw quddiesa li tingħoġob miż-żgħażagħ; quddiesa li jdaħħlu fiha dak kollu li jinteresshom. Hekk inħolqot il-quddiesa 'folk', b'kant adattat akkompanjat mill-kitarri, l-istrumenti ta' żminijietna li jħobb iż-żagħżugħ.

Il-bżonn ta' din il-quddiesa nħass ukoll fil-parroċċa tagħna, u għalhekk l-Arċipriet aċċetta t-talba mressqa mill-għaqdiet taż-żgħażagħ biex tiġi ssir *mill-15 ta' Frar* kull nhar ta' Ħadd u festi, fil-knisja ta' *l-Istitut Ġesù Nazzarenu fit-8.15 a.m.* organizzata din il-quddiesa. Din bdiet

---

## *WEDDING BELLS*

Minn qalbna nifirħu lill-għarajjes li żżewġu dan l-aħħar.

**NOVEMBRU, 1969**

Spiridione Camenzuli — Salvina Dalli
Carmel Bonnici — Carmela Patinjott
Angelo Caruana — Spiridiona Vella
Carmel Borg — Catherine Gravino
Francis Portelli — Frances Bonnici
Francis Borg — Catherine Cassar
John Buttigieg — Carmela Gauci
Vincent Camilleri — Catherine Busuttil

**DIĊEMBRU 1969**

Saviour Abela — Frances Azzopardi
Carmel DeGiovanni — Carmela Mifsud
Remigio Cassar — Cecilia Abela
Carmel Aquilina — Mary Camilleri
Saviour Ellul — Catherine Desira
Saviour Borg — Doris Spiteri
Anthony Farrugia — Mary Rose Abela
Arthur Michael Dykstra — Catherine Formosa
Joseph Caruana — Carmela Bartolo
Charles John Calleja — Tessie Pace

**JANNAR 1970**

Carmel Chetcuti — Mary Grace Vella
Michael Borg — Carmela Marmara
Carmel Desira — Adolpha Falzon
Joseph Attard — Antonia Formosa
Nazzarene DeGabriele — Josephine Mifsud
Carmel Desira — Josephine Delia
George Bonnici — Angelina Ellul
Anthony Cilia — Mary Caruana
Espedito Marchett — Cathrine Gafa
Gaetano Abela — Antonia Mercieca

**FRAR 1970**

Carmel Bartolo — Angela Camilleri
Spiridione Scicluna — Doris Zahra
John Mary Cassar — Ġemma Scicluna
Joseph Farrugia — Angela Bugeja.


***Qed tikkonfondi fejn tagħmel il-festa tat-TIEĠ?***

*MUR IBBUKKJA L-*

**"ALEXANDRIA HALL"**

SALA MODERNA U ĊENTRALI TINKERA GHAL KULL XORTA TA' REĊIVIMENTI U PARTIES.

*DETTALJI MINGHAND*

**ir-Rev. J. ABELA**

**91 Triq Santu Wistin, Żejtun**

***Tel. No. 21247***

# IL-BELT BELAND

LEHEN IL-PARROĊĊA TAŻ-ŻEJTUN

MAĦRUĠ MILL-

GħAQDA GħALL-ISTORJA ŻEJTUN

Direzzjoni:—

33 PJAZZA GIRGOR BONNICI

ŻEJTUN — Tel: 25369


# Iż-Żejtun fil-Parlament

**Minn għadd ta' mistoqsijiet li l-Onor. Wistin Abela M.P. għamel fil-Parlament fix-xahar ta' Diċembru, qed inġibu dawk li jistgħu jinteressaw lill-qarrejja:**

**Pjazza Brattanika** — Minkejja r-risposta li ta l-Onor. Ministru meta kien hemm interpellanza fuq pjazza Brittanika, Żejtun, jidhirlux l-Onor. Ministru li din il-pjazz għandha tiġi rranġata minnufih?

**TWEĠIBA** — Kif jaf l-Onor. Dr. Cachia Zammit f'din il-pjazza hemm proposta biex jinbena Civic Centre u ġnien pubbliku.

Din il-proposta għadha qed tiġi studjata u ma jidhirlix li għandhom isiru xogħlijiet qabel ma jkun hemm deċiżjoni finali li nispera tintlaħaq f'qasir żmien. (15-12-69).

**Canataci Street** — Minħabba d-dlam li hemm ġo Canataci Street, Żejtun, jista' l-Onor. Sinjur jagħti ordni biex jitwaħħlu lampi f'din it-triq?

**TWEĠIBA** — Sejrin jittieħdu l-passi meħtieġa. (15-12-69).

**Triq tar-Ramla** — X'inhi r-raġuni li għalkemm l-arbli tad-dawl ilhom li twaħħlu tlett xhur ġo Ramla Road, Żejtun, ir-residenti għadhom bla dawl?

**TWEĠIBA** — Mistenni li x-xogħol ma jdumx ma jitlesta. (15-12-69).

**Dawl fit-toroq** — Meta l-Onor. Sinjur ser jagħti ordni biex it-triqat prinċipali taż-Żejtun li għadhom mhux imdawlin b'dawl "NEON" jiddawlu b'dan id-dawl?

**TWEĠIBA** — Diġà ġew approvati proġetti għat-titjib tad-dawl f'Dun Ġwann Tabone Street, Anġlu Grima Street, Arċipriet Degabriele Street. Modifikazzjonijiet u żieda fid-dwal jiġu kkonsidrati fil-programm għat-titjib tad-dwal fit-toroq.

**St. Anthony Street** — Jista' l-Onor. Sinjur jordna li jitneħħa ħajt perikoluż fi triq Sant'Antnin, Żejtun?

**TWEĠIBA** — Ma hemm ebda periklu mminenti fil-ħajt. Qed nistħarrġu l-possibilità li l-proprietà maqlugħha mill-ħajt tiġi nkorporata mat-triq biex jitneħħa l-inkonvenjent.

# IL-PURĊISSJONI TA' SAN GIRGOR

## Minn WALTER R. ZAHRA

Fi tfuliti meta kont titkellem ma' xi ħadd barra mir-raħal u tgħid li inti miż-Żejtun, aktarx li kien igħidlek: *Mela ta' San Girgor hej!*

Għaliex il-purċissjoni ta' San Girgor kienet avveniment ta' kull sena l-aktar magħruf; magħruf bħall-Imnarja u l-Karnival u, aktarx wisq iżjed minn Ħadd in-Nies.

Ma setax jonqos li l-poplu ta' Malta kollha ma jkunx jaf b'din il-festa nazzjonali, meta kull parroċċa kienet obbligata li tieħu sehem fil-purċissjoni, u magħha kienu jiġu ħafna nies, min għall-kurżità, min b'devozzjoni jew b'wegħda, u min biex jisserva bil-festa, u wara jmur jixxala mal-familja f-Marsaxlokk jew Wied il-Għajn.

Ħadd ma jaf sewwa għaliex issir din il-purċissjoni. Id-dokumenti oriġinali li jitkellmu fuq it-twaqqif tagħha ntilfu, iżda hu żgur li din kienet purċissjoni ta' penitenza kemm għaliex fiha titkanta l-Litanija tal-Qaddisin, kif ukoll għaliex ġol-Knisja, l-Isqof u l-Kapitlu għal tlett darbiet igħajtu *"Miserikordja* (Ikollok Ħniena)

### KEMM HI QADIMA

Hawn ukoll insibu ntopp, għax ħadd ma jaf meta bdiet sewwa. Il-għaref qassis malti Nazju Ricci kiteb li hu kien ra editt ta' l-Isqof maħruġ fis-sena 1,400 li bih il-kleru kollu Malti kien imġiegħel jieħu sehem fil-purċissjoni.

Meta Mons. Duzina fil-vista pastorali tiegħu fi Frar 1575 staqsa lix-xjuħ żwieten għaliex kienet issir il-purċissjoni, dawna tawh tweġibiet differenti, li juri li sa mill-1575 kien ġa ntesa l-iskop li għalih kienet qed issir. Il-poeta Malti, l-avukat Carm. Mifsud Bonnici, magħruf bħala l-GROSS li fiż-żmien kien Ministru tal-Ġustizzja u tat-Teżor ħallielna poeżija twila, il-ġmiel tagħha, dwar din il-purċissjoni. Araw xi jgħid dwar il-popolarità tagħha:

**San Girgor kemm kont mistenni**
**U kemm kont dari mixtieq:**
**sa fiż-żwieġ kont issir wegħda**
**illi jkollha żgur twettieq!**
**f'San Girgor qata' għenienel**
**kienu jżanżnu tal-ħarir,**
**f'idhom, f'għonqhom, fuq sidirhom**
**kien ilellex it-tgħamir.**
**Għax kull waħda minnhom waslet**
**bejn tmintax u bejn għoxrin,**
**u tistenna min jgħidilha**
**ħalli jkunu ta' xulxin.**


*IXTRU*

*DEJJEW MILL-*

*ĦWIENET LI*

*JIRREKLAMAW*

*FIL-ĠURNAL*

*TAGĦKOM*


**San Girgor, dar-raħal tiegħek**
**għal kemm snin ra dat-tħabrik?**
**Nies nies nies hienja u daħkana**
**fih titferrex mħabba fik?**

### KIF KIENET ISSIR FL-IMGħODDI

Il-Kapitlu tal-Katidral, il-Kunventi tal-patriet, il-kappillani bil-kleru tagħhom, il-Konfraternitajiet tal-Lajċi tal-gżira kollha flimkien man-nobbli u għadd ta' fidili kienu jiltaqgħu ħdejn is-salib tad-Dejma f'Ħal Tarxien fil-għodu jistennew il-wasla ta' l-Isqof. U malli dana jasal kienu jibdew jimmarċjaw lejn iż-Żejtun mit-triq tal-Qasam, kulħadd skond id-dritta tiegħu, jiġifieri aktar ma l-parroċċa hi qadima aktar tmarċa lura, wara l-parroċċi kienu jiġu l-kunventi, imbagħad il-kapitlu ma' l-Isqof.



Minn fuq il-kampnari tal-knisja taż-Żejtun kienu jilmħu l-purċissjoni tibda tmarċa u kienu jibdew il-mota bil-kbir. Meta jaslu quddiem il-parroċċa taż-Żejtun ir-reffiegħa ta' l-istandardi tal-konfraternitajiet kienu jbaxxu l-istandard bħala tislima, u kienu jippikaw bejniethom min għandu l-ħila jbaxxih l-aktar mingħajr ma jkaxkru ma' l-art u mingħajr ma jħallih ibattih, billi f'dawk il-ġranet aktarx kien ikun ir-riħ.

Araw kif din it-tislima tal-fratelli laqtet lil poeta tagħna:

**San Girgor, kif hu li dejjem taqla' f'jumek dan ir-riħ sabiex jista' ħiltu juri tal-bandiera ir-reffiegħ?**

**Fejnkom żgħażagħ twal u somor li quddiem il-knisja l-Kbira fuq il-qawwa biss ta' driegħkom l-istandard tbattu b'tixjira!**

Il-kappillan (u aktar tard l-arċipriet) taż-Żejtun kien jistenna l-Isqof fil-bieb tal-knisja, u dan kien jidħol jagħmel vista lis-Smu. Sagrament, imbagħad joħroġ u l-purċissjoni tissokta lejn il-knisja l-qadima ta' San Girgor.

Hemmhekk wara li jsir xi talb ta' l-okkażżjoni, l-Isqof innifsu jew wieħed mill-Monsinjuri jqaddes, u meta tispiċċa l-quddiesa, kulħadd jitlaq lura għal riħu, min lura lejn raħlu jew beltu, iżda l-biċċa l-kbira lejn xatt il-baħar biex jissuktaw jixxalaw onestament għall-bqija tal-ġurnata.

**POPOLARITA' U KUMMERĊ**

Ftit kienu l-familji żwieten li dak in-nhar ma kienx ikollhom il-mistednin. Min qraba u min ħbieb, bosta minnhom kienu jiġu minn awl-il-lejl, billi t-trasport ma kienx ħaġa faċli bħalma hu llum. Il-miżżewġin friski kienu aktarx jiġu wkoll għal din il-festa, billi kienet komuni li l-għarus iwegħeda fil-kitba taż-żwieġ.

Kien hawn ukoll bosta familji li jistgħu, li kellhom dar fiż-Żejtun apposta, biex jiġu fiha għal San Girgor. Fit-triq li tagħti għal San Girgor għad hemm għadd ta' djar kbar b'ġonna



sbieħ, li kienu ta' familji tat-tajjeb għall-villeġġatura u għal din il-festa. L-Isqof Mattei (1807-1831) bena dar kbira f'din it-triq (illum id-Domus) u l-isqaq li jiġi wara dawn id-djar kien u għadu magħruf bħala SQAQ IL-PALAZZI .

Saħansitra l-Gran Mastri kienu jħobbu jattendu għal din il-purċissjoni, u l-Gran Mastru Perellos kien ukoll bena dar sabieħa (fi Triq Santa Katerina) biex mill-gallerija spazjuża tagħha hu u l-kbarat ta' ma' dwaru jkunu jistgħu jassistu għall-purċissjoni.

Fit-toroq li minnhom tgħaddi l-purċissjoni, u fil-pjazez ta' madwar il-knisja kien ikun hemm tassew x'tara: bejjiegħa tal-frott, tal-qubbajt, tal-ħobż u ta' l-oġġetti ta' l-ikel, saħansitra bejjiegħa ta' l-ilma; min isajjar, min ibiegħ, min jixtri!

Kien ikun hemm ukoll min jikri siġġijiet, banketti jew kaxxi, matul it-triq tal-purċissjoni, għal min igħajja bil-wieqfa. Il-għadd ta' l-inġenji, bhejjem, karrozzini, karrettuni, karrozzi taż-żewġ, eċċ., kien bla għadd u ma kontx tara triq jew wesgħa li kenitx tkun ingumbrata bihom. Ġoż-Żejtun, dak inhar, kien ikun hemm il-problema tal-**parking** li naraw illum nhar ta' Sibt filgħodu fil-Belt.

**IL-PURĊISSJONI LLUM**

Xi sittin sena ilu l-parroċċa ta' l-Isla ġiet onorata w elevata f'Bażilika. Il-kapitlu ta' l-Isla deherlu li minħabba dan il-ġieh kiseb dritt ta' preċedenza fuq il-parroċċi l-oħra kollha u saħansitra fuq il-parroċċa privileġġjata ta' Birkirkara. Iżda l-Karkariżi ma aċċettawx dan u bdiet tilwima twila li waslet sal-Vatikan. Sa dan it-tant waqt il-purċissjoni ta' San Girgor kien jinqala' l-għawġ, u niftakru aħna, kif meta kienu jmarċaw ta' l-Isla, il-Karkariżi, ma kenux jieħdu sehem, u jekk jaħsel li ta' Birkirkara jaslu l-ewwel u jieħdu posthom, is-Senglejani kienu jitilqu lura lejn belthom.

Dan il-ġlied kien inkwieta ħafna lill-Isqof Mons. Mawru Caruana, u li biex jevita aktar għelt b'digriet li ħareġ fis-sena 1926 ordna li minn dik is-sena 'l quddiem, il-parroċċi jagħmlu l-purċissjoni ta' San Girgor waħidhom, kull waħda fir-raħal tagħha, u ż-Żejtun imorru biss il-kunventi mal-kapitlu tal-Kattidral.

B'hekk ġara li minħabba l-ġlieda bejn iż-żewġ parroċċi msemmija, iż-Żejtun tilef waħda mill-akbar festi li kellu, barra mit-telfien ta' ħafna kummerċ. Diżgrazzjatament ħadd ma nqala' fost iż-Żwieten biex iqanqal il-poplu għal protesta kontra din id-direzzjoni.

Ma' din il-bidla radikali, il-poplu Malti tilef l-interess f'din il-festa. Kellu raġun il-poeta li semmejna jitnieħed għat-telfa ta' din il-festa kbira, nazzjonali u popolari, fil-għeluq tal-poeżija sabieħa tiegħu:

**Issa għidli x'kien li biddlek?**
**tgħid għajjejt tiġri mas-snin?**
**jew tal-lum bdew jistħu minnek**
**għaliex wisq kibru l-bnedmin?**

**Ħal Tarxien mort fejn il-laqgħa**
**għat-telqien kienet issir;**
**iż-Żejtun mort fejn il-kotra**
**kienet tkun ta' għadd wisq kbir;**

**Ma stennejtx in-nies ta' dari**
**nara tielgħa lejn id-dar,**
**San Girgor imlejtli qalbi**
**bla ma ridt inti bl-imrar!**

**U ħassejt bħal biċċa minni**
**qisha nixfet waqgħet fl-art**
**u din l-għanja bi dmugħ qalbi**
**għal tifkirtek jien sawwart.**

# AKTAR FUQ IL-FESTA TA' SANTA KATARINA

Għall-mistoqsija jekk għandhomx jiġu mibdula t-titulari ta' dawk il-knejjes li l-qaddisin padruni tagħhom jippreżentaw xi diffikultà storika jew m'għanhomx jidhru aktar fil-Kalendarju Universali, is-Sagra Kongregazzjoni tal-Kult Divin wieġbet hekk minn Ruma:

Le. Kull knisja tibqa' żżomm it-titular tagħha u tiċċelebra l-festa tal-qaddis titulari tagħha, allavolja m'għadux jidher aktar fil-Kalendarju Universali. Meta fid-djoċesi jsir studju għar-reviżjoni tal-Kalendarju Proprju, allura forsi l-kwistjoni mill-ġdid tista' terġa' tiġi mċaqalqa,

---

# Nifirħu . . .

Lis-Sur Joe Bonnici li ħa l-lawrja ta' Master u Science (M.Sc.)

★

Lis-Sur Alfred Cachia li laħaq Senior Repair Manager fit-Tarzna.

★

Lis-Sur Joe Abela (Żejtuni li joqgħod Santa Luċija) li laħaq fl-Executive Grade fit-Tarzna.

★

Lil Miss J. Abela li ħadet il-baċċellerat fl-Arti bl-unuri B.A. (Hons.) bl-Istorja bħala suġġett prinċipali.

★

Lil Dr. Carmelo Palmier Cecy li ħa l-lawrja ta' TABIB. Dr. Palmier Cecy twieled iż-Żejtun fit-23 ta' April 1945, studja fl-iskola primarja, fil-Liceo u wara fl-Università Rjali fejn ġie llawrjat f'Ottubru 1969. Bħalissa qed iservi ta' Tabib Residenti fl-Isptar ta' Għawdex.

★

Lis-Sur Joseph Marmarà B.A. (Hons.) Sottu Segretarju fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin li ġie maħtur Konslu Malti fi New York.

★

Lis-Sinjuri Carmelo Mifsud u Frankie Farrugia li nħatru Health Inspectors wara li għaddew b'suċċess mill-tors b'suċċess mill-Kors meħtieġ.

★

Lill-ħwienet ta' Mater Boni Consilii Street li ħadu r-raba' premju tat-tiżjin tat-toroq għall-Milied.

# IL-BINI TAL-KNISJA

**Meta wieħed igħid il-Bini tal-Knisja fiż-Żejtun, aħna nifhmu dak il-blokk bini li tela' flok il-ġnien ta' l-Oratorju u li jagħti mill-Pjazza tal-Knisja, għal Triq San Girgor u jdur għall-pjazza Brittannika. F'dan il-bini minbarra żidiet mas-Sagristija li kienu tant meħtieġa, insibu mħażen ta' l-armar, Librerija, Sala tal-Kleru, Mużew, Kmamar għal-laqgħat ta' l-Għaqdiet u Sala Parrokkjali.**



**Il-Wisq Revdu. Mons Dun M. SPITERI liebes ta' Arċipriet.**

Mis-sebgħa u għoxrin kappillan u arċipriet li kien hemm fiż-Żejtun minn mindu saret parroċċa, minn barra l-arċipriet preżenti r-Revdu. Pantaleone Orland, erbgħa oħra biss kienu Żwieten. U dawn l-erba' mexxejja tal-parroċċa kollha ħallew tifkiriet sbieħ fil-knisja tagħna.

L-Ewwel wieħed il-W.R. Melkiorre Bonnici (1664-1679) kien għamel bosta tibdil fil-parroċċa l-qadima (Knisja ta' San Girgor), biex tkun isservi aħjar lil-fidili. Fi żmien il-kappillan ta' warajh il-W.R. Ugolin Bonnici, li kien hu l-kappillan ta' qablu saret it-tħejjija għall-bini tal-knisja l-ġdida, għalkemm dan miet fis-sena 1712 u ma laħaqx raha lesta.

It-tielet kappillan, jew arċipriet Żejtuni kien Dun Lawrenz Degabriele li ħa l-pussess fis-6 ta' Lulju 1897. Dun Lawrenz kollu żelu għal art twelidu ma damx ma ta bidu għal xogħol l-aktar urġenti fil-knisja, jiġifieri l-bini tal-koppla l-ġdida u modifikazzjonijiet oħra fil-kor u l-kappelluni.

Kellhom igħaddu ħafna snin qabel ma laħaq arċipriet ieħor miż-Żejtun, li kien Dun Mikiel Spiteri, llum monsinjur tal-kattidral.

Sa minn snin kbar qabel, kien hemm dejjem ix-xewqa li fil-ġnien ta' mal-knisja, magħruf bħala ta' l-Oratorju, jinbena xi mħażen għall-armar tal-festa u xi kmamar biex jiżdiedu mas-sagristija. Iżda l-arċipriet il-ġdid kellu ambizzjoni wisq akbar mill-bini ta' sempliċi maħżen u xi żewġt ikmamar. Ried iħalli monument li barra milli jkun tifkira denja ta' meta kien arċipriet hu, jilħaq mal-ħafna ħtiġijiet tal-parroċċa.

Il-knisja mhux biss kien jinħtiġilha fejn tpoġġi l-armar ta' barra l-festa, iżda kien hemm bżonn ukoll ta' lokal xieraq għall-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, aktar wisa' fejn jinżammu ħafna mill-armar ta' ġol-knisja, li kien dejjem qed jiżdied, kif ukoll Sala deċenti fejn wieħed jista' jilqa' l-kbarat u nies ta' qima li jżuru l-parroċċa tagħna.

U minħabba l-progress fiż-Żejtun, kien xieraq ukoll li jkun hemm kmamar għal-laqgħat ta' l-għaqdiet reliġjui u Sala Kbira għall-Konferenzi, u divertiment leċitu.

U Dun Mikiel Spiteri, b'kuraġġ l-aktar kbir, mingħajr ma kellu l-anqas sold wieħed fil-kaxxa fuqhiex jaħlef, intefa' b'ruħu u ġismu għal din il-biċċa xogħol. L-arċipriet kien ukoll fortunat li kellu bħala prokuratur lil Dun Ġużepp Desira, bniedem ukoll kuraġġjuż li ma beżax jidħol għal pis hekk kbir.

Il-għajnuna ma naqsitx, il-poplu kkontribwixxa mill-aħjar, u ma kienux iż-Żwieten residenti biss li għenu. Żwieten fl-Amerka u bnadi oħra, barra minn Malta, ma naqsux li għall-appell ta' l-arċipriet għenu mhux ħażin.

Kienu ħafna dawk li għenu, għax setgħu, aktar minn ħaddieħor, iżda ma rridx insemmi ismijiet għaliex nibża' li jekk inħalli lil xi ħadd barra, birraġun kollu, jieħu għalih.

Għaliex fuq kollox il-ħsieb ta' din il-kitba hu li nuru kif kull meta kellna arċipriet miż-Żejtun, dan dejjem ħalla tifkiriet sbieħ fil-parroċċa tagħna u l-monument li ħallielna Mons. Spiteri u kbir u ta' ħtieġa enormi.

Jixraq ukoll li nsemmu li kemm il-perit (Is-Sur Oraz Diacono) kif ukoll il-kapumastru (Is-Sur Ġanni Vella) li ħadu ħsieb il-bini kienu wkoll Żwieten.

Ta' min iżid ukoll li kienu bosta dawk iż-Żwieten li għamlu xogħol bla ħlas fil-bini u ħafna huma oħrajn li għadhom jieħdu interess fih sal-lum.

**W.R.Z.**

**NOTA TA' L-EDITUR:**

**Id-distin krudil ried li minn mindu ntbagħat dan l-artiklu għall-istampa u ġie ppublikat, il-minġel ħassiedi tal-mewt serqilna minn fostna lill-maħbub Monsinjur Spiteri li wara marda krudila ħalla dan il-wied ta' dmugħ nhar l-Erbgħa, 25 ta' Frar.**

**Jagħtih Alla l-Mistrieħ ta' Dejjem.**

**E.D.**


**SEBBAĦ DAREK**

B'LINEF MODERNI — STATWI ARTISTIĊI

VAŻUNI TAĊ-ĊERAMIKA — MIRJA NDURATI

GĦAMARA LUSSUŻA

U MITT OĠĠETT IEĦOR GĦAD-DAR

*Mur għand:*

**FARRUGIA**

**MATER BONI CONSIGLII STREET (Kantuniera ma' Constitution Street**

**ŻEJTUN**

**JOSEPH GATT**

**IRONMONGERY**

**40 ST. CATHERINE STR. ZEJTUN**

**TEL. 22771**

*Stockist of:*

**British Paints, Electrical Acc.: and Glassware**

# MILL-GNIEN TAL-KMANDANT

WARA L-KNISJA

Meta min hu responsabbli bi ħsiebu isewwi l-pjazza ta' wara l-Knisja mill-ħotob u toqob li fiha? Jaqaw qed jistennew lil xi xiħ bħali li jitgerbeb u jibqa' tal-post jew ikorri sewwa qabel jittieħdu passi? Min igħid li din hi propjetà tal-Knisja u l-Knisja ma għandhiex flus biex tasfaltaha. Jekk hu tassew dana, allura l-Knisja messa tgħaddiha lill-Gvern u jidħol responsabbli hu.

Fi tfuliti l-pjazezz ta' quddiema il-Knisja kienu ingħataw lill-Gvern u dana sewwiehom u rranġħom, u llum kull meta jkun hemm xi ħsara fihom jissewwew minnu. Ma jistgħax isir l-istess għall-Pjazza Britanika?

IL-LOUDSPEAKERS TAR-REDIFFUSION

Fil-pjazza t'isfel tal-Knisja għandna loudspeaker tar-Rediffusion li tassew qiegħed hemm għal xejn, għax ħadd ma jisimgħu, kemm minħabba l-istorbju, kif ukoll għaliex il-pjazza kiesħa fix-xitwa u bix-xemx fis-sajf. Ma jkunx aħjar kieku dal-loud speaker jittieħed fil-Ġnien tal-Kmandant. fejn matul il-jum il-ħafna pensjonanti li jkun hemm ikunu jistgħu jisimgħu l-aħbarijiet u tagħlim li ikun hemm minn fuqu?

GIRGOR BONNICI

Din is-sena l-knisja tagħlaq 250 sena mit-twaqqif tagħha. Dan ifakkarna fil-benefattur tagħha li bniha għalina.

Girgor Bonici ma kienx biss benefattur tal-Knisja, iżda wkoll bniedem ta' karità. Fit-testment tiegħu kien ħalla li mit-triq minn fejn igħaddi l-funeral kellhom jitqiegħdu strixxi ta' drapp iswed li wara jingħata lin-nisa foqra biex bih jagħmlu l-għanienel.

Ma jkunx ħaġa sewwa kieku naħsbulu għal daqsxejn ta' monument qrib il-knisja?

ŻEWĠ BANED IPPIKATI

Il-bidu tal-Każin Santa Katerina ma kienx orkestra, iżda BANDA. Dak iż-żmien kienu f'pika liema bħala ma' tal-Beland.

Sena waħda fil-festa ppikaw bejniethom min jispiċċa l-aħħar bil-programm tiegħu. U tant saħnet il-pika li baqgħu jdoqqu sa' l-erba' ta' filgħodu meta mbagħad ndaħlet il-pulizija u waqqfithom.

PATRJOTT MARTRI

Sikwit nisimgħu bil-qalbieni patrijott .żebbuġi DUN MIKIEL XERRI Xejn anqas patrijott minnu iżda kien qassis ieħor li hu ŻEJTUNI, Dun Bert, Żarb, magħruf bħala Dun Miju, li kien fi żmien il-Franċiżi, sagristan maġġur ta' San Ġwann, u li kien jiftaħ il-bieb il-falz tal-Kattidral biex idaħħal lil tal-konfoffa għall-laqgħat kontra l-Franċiżi. Dan ġie wkoll iffuċillat ma' Dun Mikiel.

Haqqu daqsxejn ta' lapida x'imkien fir-raħal tiegħu!

SAN GIRGOR

F'parti oħra ta' din il-ħarġa qed jinġieb tagħrif dwar il-purċissjoni ta' San Girgor. Kienet tassew ħasra li minħabba ġlieda bejn żewġ parroċċi, ż-Żejtun tilef festa mill-akbar li kellu.

Ma nistgħux nimaġinaw li qatt jista' jerġa' jiġri li l-purċissjoni terġa' ssir bħal qabel l-1926, iżda aħna nafu kif ġo Ħaż-Żabbar wara l-gwerra reġgħet ingħatat ħajja ġdida lil HADD INNIES festa li kienet mietet għal kollox.

Ma nistgħux aħna ż-Żwieten nergħu nagħtu ħajja lil din il-festa jekk mhux fil-parti reliġjuża għall-anqas fil-parti folkloristika, jiġifieri li ndaħħlu ftit minn dak il-ferħ soċjali li kien isir wara li tispiċċa l-festa reliġjuża. Bi ftit tal-ħsieb San Girgor jista' jerġa' isir bħalma kien "IL-FTUH TALFESTI" tar-Rebbiegħa.

---

# Programm tal-Gimgha l-Kbira

**Mit-Il Hadd tal-Passjoni (Hadd il-Palm) sa l-Għid il-Kbir**

**HADD IL-PALM, 22 ta' Marzu:**

*Fid-8.45 a.m.:* Terza u wara jitbierek iż-żebbuġ. Purċissjoni solenni ad unur ta' Kristu Sultan li għaliha huma mistiedna l-Għaqdiet kollha Reliġjużi u l-poplu kollu.

Quddiesa Kantata bil-kant tal-Passju. Il-kant polifoniku jkun immexxi mill-Organista Salvino Brincat.

Il-Quddiesa ta' l-10.30 a.m. toħroġ meta tispiċċa l-Quddiesa Kantata.

**L-ERBGHA TAT-TNIEBRI, 25 ta' Marzu:**

*Fis-6.30 p.m.:* Quddiesa Letta, bl-Omelija fuq il-Passjoni. Jsir il-Qrar għall-Irġiel.

**HAMIS IX-XIRKA, 26 ta' Marzu:**

*Fis-7.30 a.m.:* Matutin Kantat. Ikun hemm il-Qrar għan-Nisa.

*Fis-6.00 p.m.:* Konċelebrazzjoni. Wara l-Evanġelju ssir Omelija u l-ħasil ta' Riġlejn l-Appostli.

Wara l-Quddiesa Ġesù Sagramentat jiġi meħud bil-purċissjoni għall-Adorazzjoni. Tneżżiegħ ta' l-Artali. Il-Kant ikun immexxi mis-Sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu.

Minn wara l-Quddiesa sal-11.00 p.m. jistgħu jsiru l-Visti mis-Soċjetajiet tal-Parroċċa; kulħadd skond il-ħin tiegħu.

*Fil-11.00 p.m.:* Velja Biblika. Huma mistednin in-nies kollha tal-Parroċċa u b'mod speċjali l-Għaqdiet Reliġjużi.

**IL-ĠIMGHA L-KBIRA, 27 ta' Marzu:**

*Fis-7.30 a.m.:* Matutin Kantat. Minn filgħodu sat-3.00 p.m. jistgħu jitkomplew il-Visti u l-Għaqdiet Reliġjużi huma mitluba li jagħmluhom filgħodu.

*Fit-3.00 p.m.* AZZJONI LITURĠIKA SOLENNI TA' WARA NOFS INHAR: Qari ta' l-Iskrittura — Passju — Talba tal-Fidili — Adorazzjoni tas-Salib li għaliha s-Soċjetajiet kollha ta' l-Irġiel u tan-Nisa huma mitlubin biex jiġu uffiċjalment u warajhom jitla' l-poplu kollu. Nofs siegħa wara li tispiċċa l-funzjoni, Purċissjoni bil-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Hija u ħierġa l-purċissjoni għandu jsir kummentarju minn Dun Joe Abela.

**IS-SIBT IL-KBIR**

**Fit-8.00 a.m.** Matutin Kantat. IS-SAHRA TAL-GHID IL-KBIR — Tberik tan-Nar u ta' l-Ilma tal-Magħmudija — Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija. Konċelebrazjoni bit-Tqarbin.


**TABAR**

**No house is a HOME without a modern bathroom**

***Ensure the best by obtaining a most modern bathroom equipped with all that are up to date requisites from:***

**34/35 ST. GREGORY STREET, ZEJTUN**

**Importers & Contractors**

***Tel: 23473***

# GALEA'S

**OF MATER BONI CONSIGLI STREET**

***THE HOUSE FOR ALL PRESENTS***

**SPECIALISING IN CRYSTAL VARE**

***DISTRICT AGENTS FOR 'PHILIPS' GOODS***

Washing Machines – T.V's – Refrigerators

**You get the best goods at this place**

**Għal kull xorta ta' wiri ta' films fid-djar 8mm. u super 8**

***BI PREZZ MODERAT***

*IRRIKORRU GHAND:*

**Emmanuel Zahra**

**18, Main Street,**

**Żejtun**

# KING CO-OP




**LEADS THE WAY . . .**

**Leads in QUALITY**

**Leads in EXPORT**

**80 % of SPEL 65**

MANUFACTURED IN MALTA

is shipped to 25 countries including

Denmark and the U.K.

***NATIONAL CHEMICALS (Malta) LTD.***

**INDUSTRIAL ESTATE, MARSA – Tel. 25922**

Kif wegħedna fl-ewwel ħarġa aħna nieħdu pjaċir inxandru tagħrif li jaslilna mill-każini u għaqdiet tagħna. Illum ser nibdew bl-ewwel tagħrif li rċevejna, jiġifieri dwar is-

# SOCJETA' MUSIKALI "BELAND"

L-arti sabieħa tal-mużika pubblika f'Malta, it-tagħlim tagħha kemm fil-prattika kif ukoll fit-teorija, daħal fostna dwar il-mitejn sena ilu, u dana aktarx minħabba kontatti kulturali li kellna mat-taljani. Dawn il-kuntatti ħajru nies li kellhom it-talent mużikali jħajru lil ħaddieħor jimxu wara l-passi tagħhom.

Insibu li fiż-Żejtun fis-sena 1832 kienet teżisti orkestra li kienet iddoqq fil-pubbliku, iżda ma nafhux kienetx magħmula minn dilettanti jonkella kienetx attività ta' soċjetà formali; l-anqas ma sibna min kien id-direttur tagħha. Dak li aħna żgur hu li fis-sena 1861 is-surmast Orazju Diacono waqqaf banda li baqgħet wieqfa sa llum, u hi magħrufa bħala "Beland".

Il-familja Diacono kellhom in-negozju tat-tajjar u kellhom kontatti ma' Sqallija. Kellhom ukoll skuna jisimha "Despatch" li kienet tinnaviga bejn iż-żewġ gżejjer. Għalhekk ma kienx jonqos li membri ta' din il-familja ma kienux ġejjin u sejrin l-Italja. Fost ħbieb oħra kellhom surmast tal-mużika taljan li mill-ewwel għaraf li t-tfajjel Oraz kellu gibda qawwija għall-mużika. Bil-kunsens tal-papà tiegħu, is-surmast beda igħallem lit-tfajjel u jagħtih lezzjonijiet għad-dar, u t-tfajjel kiber u miegħu kiber it-tagħlim mużikali. Meta wasal f'maturità ragunata hu waqqaf il-banda llum bagħrufa bħala "Beland".

### KAŻIN U BANDA

Din is-soċjetà ilha wieqfa 109 snin u kellha tmien diretturi mill-bidu tagħha 'l hawn, il-preżenti hu s-surmast Hector Dalli A. Mus, LCM Żejtuni bħalna, li trabba fi tfulitu fl-istess soċjetà. Matul l-istess perjodu ta' aktar minn seklu kien hemm biss seba' presidenti, u dan juri li l-membri dejjem kellhom fiduċja kbira fil-mexxejja tagħhom, u dawna dejjem għenu s-soċjetà kemm materjalment kif ukoll moralment. Illum għandha bħala president l-Onor, Dr Alexander Cachia Zammit MD MP, li hu bin is-Sur Fred, il-president ta' qablu u li sa minn ċkunitu kellu dejjem ammirazzjoni għas-soċjetà.

### ĦAJJA SPIRITWALI

Barra mill-lat soċjali u artistiku, l-mexxejja tas-soċjetà dejjem taw każ ukoll tal-lat spiritwali tal-każin u għalhekk fis-sena 1920 din is-soċjetà ġiet ikkonsagrata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù minn-isqof ta' dak iż-żmien Mons. Mauru Caruana O.S.B. (26 ta' Settembru) u ħamsa u għoxrin sena wara l-arċisqof Mons. Gonzi kkongraha lill-Qalb Imqaddsa ta' Marija. Dawn il-ġrajjiet jiġu mfakkra ta' kull sena bi Tqarbina ġenerali tas-soċi u programm mill-Banda. Il-1970 għalhekk ser ikun il-Ġublew tal-Fidda ta' din il-festa u nittamaw li tkun ikkommemorata kif jixraq.

### GĦAJNUNA LIS-SOĊI

Fil-każin hemm ukoll Soċjetà ta' Mutuo Soccorso imwaqqfa fil-1925 biex tgħin lill-membri f'każi ta' korriment jew mard, iżda billi llum il-ġurnata l-ħaddiema għandhom benefiċċi stabbiliti mill-Istat din il-għaqda ta' għajnuna ftit li xejn ġiet il-quddiem.

### ĊENTINARJU

Is-soċjetà kkommemorat iċ-ċentinarju tagħha 1861-1961, disa' snin ilu b'festa grandjuża li damet tmiet ijiem sħaħ, festa li ma tintesa qatt fl-istorja tal-każin tal-banda. U f'din il-festa ħadu sehem ukoll is-soċjetajiet l-oħra taż-Żejtun, jiġifieri: iż-Żejtun Band Club, St. Catherine Musical Club u l-Juventutis Domus Sacra Familia.

Kienu ġranet brijużi u ta' ferħ, speċjalment meta tara dik il-konkordja u armonija bejn l-għaqdiet kollha taż-Żejtun, u jalla din ir-rabta tibqa' ssaltan fostna għal ġid tal-Belt Beland.

### TEJATRIN

Fiż-żmien il-każin kellu ukoll il-Kumpanija Tejatrali tiegħu. Beda bil-li waqqaf daqsxejn ta' Palk u Plateja fil-kantina tal-każin, iżda wara meta ttieħdet id-dar ta' mal-ġemb u tkabbar il-każin, ġie miftuħ tejatrin u palk spazjuż fis-sular ta' fuq li dam snin kbar iservi ta' rikreazzjoni onesta għas-soċi u l-familji. Iżda l-ftuħ ta' Ċinemajjiet kbar u tat-Talkies qatlu din il-ġibda lejn it-tejatrin u dan kellu jiżżarma.

### PASSA TEMP

Ma jonqsux attivitajiet oħra bħalma hu l-billiard u kompetizzjoni tiegħu fil-ġranet tal-Milied li tkun kull sena organizzata mill-viċi President Mr. C. Caruana u jingħataw tazza u Shields lir-rebbieħa. L-aħħar rebbieħa kienu Mr Ġorġ Falzon, runner-up Mr Carm. Abela li għamel ukoll il-highest break.

Ma nistgħax niġbed aktar fit-tul minħabba l-wisa'. L-awgurju tiegħi hu li s-soċjeta Beland ikollha ħajja twila, glorjuża u ta' ħbiberija kordjali mas-soċjetajiet l-oħra Żwieten.

AMMIRATUR.


**JEKK GĦANDEK BŻONN TIXTRI**

- REFRIGERATORS
- COOKERS
- WASHING MACHINES

jew

- T.V. SET

**għażel marka INDESIT**

*li ssibuhom għand:*

**CASSAR STORE**

**18, Mater Boni Consigli Street, Żejtun**

*fejn issibu wkoll:*

**LINEF ● TAPITI ● IMWEJJED ● SIĠĠIJIET GĦALL-KĊINA.**

# GIRGOR BONNICI

**Fl-ewwel ħarġa tal-ġurnal aħna ġibna xi tagħrif ħafif fuq xi Żwieten li ħaqqhom jiġu mfakkra. Però il-ħsieb tagħna ma kienx li niefqu hawn iżda li nieħdu dawn il-persunaġġi wieħed wieħed u nagħtu tagħrif dettaljat fuqhom. B'hekk inkunu qegħdin inżommu ħajja t-tifkira tagħhom flimkien mal-wirt li ħallewlna.**

### C. J. DEBONO

Kien jixraq għalhekk, illi proprju f'din is-sena, meta ser niċċelebraw il-250 sena mill-bini tal-knisja parrokkjali tagħna, niddedikaw l-ewwel tagħrif tagħna fuq dak il-benefattur kbir ta' l-istess knisja, jiġifieri in-Nobbli Girgor Bonnici. Żgur illi fl-istorja taż-Żejtun ma nsibux benefattur akbar minn dak illi ta flusu biex jinbena dak it-tempju majestuż.

Min kien sewwa dan Girgor Bonnici?

Dan is-"Sinjur l-Ixgħeb", kif kienu jgħidulu ż-Żwieten minħabba l-kulur ta' wiċċu twieled il-Birgu iżda kien joqgħod f'Ħal Bisbut (raħal ta' fuq). Il-familja tiegħu però kienet mill-Imdina. Missieru, Mawrizju, kien jiġi minn ċertu Ġakbu Bonnici miż-Żejtun.

Dan Ġakbu kien il-prokuratur tal-knisja parrokkjali l-qadima (San Girgor) fl-1492.

Girgor barra milli kien ġej minn waħda mill-aħjar familji ta' Malta, kien ukoll irrispettat u miġjub ħafna minn nies u għalhekk fl-1641-42 insibuh wieħed mill-erba' ġurati ta' l-Imdina u mbagħad fl-1654-55 insibuh bħala Kaptan tal-Virga, jew Hakem.

Il-popolarità tiegħu kienet tant illi meta l-Gran Mastru Nikol Cottoner kien għamel taxxa fuq ir-raba' u l-bini tal-knisja, hu ġie magħżul biex flimkien mal-Kan. Pietru Ristri imorru Ruma biex ibiddlu din it-taxxa.

**Opri tiegħu:** Dan Girgor Bonnici, issa Patrizju Ruman kellu għall-qalbu ħafna d-dar t'Alla. Naraw għalhekk illi fl-1683, indaħal biex min nflusu reġa' bena kif imiss il-knisja ġust patronat ta' San Ġorġ, illum limiti ta' Birżebbuġa, u li dak iż-żmien kienet tagħmel maż-Żejtun. Din il-knisja kienet ġiet ipprofonata fl-1659.

Knisja oħra li bena n-Nobbli Bonnici hija l-Abbazija ta' Sant'Anġlu li tinstab fi Pjazza Carlo Diacono. L-istorja ta' din il-knisja tinstab f'lapida li hemm bil-Latin mal-knisja. Fost l-oħrajn insibu illi: "Girgor Bonnici li kien ħakem tal-Belt ta' l-Imdina u kap tal-Gżira kollha, waqqaf din il-knisja ad unur ta' Sant'Anġlu u għamel ġust patronat fis-sena 1670.

Iżda l-aqwa ta' l-imħabba tiegħu lejn id-dar t'Alla spikkat meta ddiċieda illi jibni l-knisja kbira li tkun sservi għal Parroċċa.

Għalhekk b'dan il-għan ħalla legat illi r-renti tar-raba' tiegħu kollu għal 25 jew 30 sena jmorru għall-bini ta' din il-knisja parrokkjali ġdida. Jingħad illi hu xtaq illi din il-knisja timbena f'dik il-għalqa tiegħu li kienet quddiem il-Bażilika tal-Buon Kunsill.

Iżda meta ra li ż-Żwieten ma kienux entużjasti bil-post, xtara għalqa oħra biex tkun tista' timbena l-knisja bil-pjazza magħha. Bħala arkitett għażel lill-magħruf Lorenzo Gafà li għaraf b'sengħa kbira joħloq pjanta ta' tempju majestuż u ta' ġmiel arkitettoniku li jsaħħar lil kull min jarah u jistudjah. Hafna huma dawk li jqisuh bħala l-kapulavur tiegħu.

Mill-banda l-oħra, iżda, lill-knisja ħallilieha xi pisijiet bħalma huma, li jagħtuh l-aħjar artal ġewwa fiha i.e. dak ta' San Girgor, quddiesa kantata għar-ruħu, u li l-prokuraturi matul dawk il-25 jew 30 sena li jdaħħlu r-renti kellhom iqassmu ta' kull sena modd u nofs qamħ lill-foqra.

Imma dan il-kbir benefattur tagħna ma kellux ix-xorti li jara mqar nofs il-knisja lesta għaliex fis-16 ta' Mejju 1697, wara ħajja ta' 85 sena, ruħu ttajret għand il-Hallieq Divin. Sarlu funeral kbir kif kien jixraqlu u ġie midfun, kif ħalla fit-testment tiegħu, fl-Abbazija ta' Sant'Anġlu.

Għalkemm wara dan iż-żmien kollu in-Nobbli Girgor Bonnici ma ntesiex mill-poplu li tant ħabb, però ma nistgħux ngħidu illi għamilna biżżejjed biex inħallu isem Girgor Bonnici imfakkar għal dejjem. Kull ma għandna huma pittura tiegħu li tinstab fil-bini parrokkjali u pjazza prinċipali ħdejn il-knisja li hija msemmija għalih. Iżda issa wasal iż-żmien biex inħallu tifkira ħajja lil dawk li jiġu warajna. Hemm bżonn li nħallu monument bħala rikonoxxenza tagħna lejn l-akbar benefattur li qatt kellu ż-Żejtun.

# *Il-Proġett tad-Djar għall-Poplu*

*Billi l-bini li l-Gvern bħalissa beda jtella' ħdejn San Girgor hu ta' interess għall-qarrejja, ħassejna li għandna nġibu siltiet minn diskors ta' l-Onor. Ministru Dr Cachia Zammit dwar dan is-suġġett:*

"Minħabba x-xogħol li hawn bħalissa ma' Malta kollha fl-industrja tal-bini, insibu skarsezza ta' ħaddiema ta' din is-sengħa. Dana, bħalma jiġri fid-dinja kollha, rriżulta fil-għoli tal-pagi u għalhekk fil-għoli tal-prezz tad-djar u tar-rati tal-kerha.

Għaldaqstant il-Gvern ħaseb li joħloq proġetti ta' bini ta' djar għall-poplu f'bosta nħawi u waħda minn dawn hu "ż-Żejtun".

Barra dan il-proġett hemm ukoll l-Industrial Estate li qed jinbena f-Buleben, li nittamaw ikun ta' għajnuna kbira għat-tfal tar-raħal tagħna isibu fejn jaħdmu.

Il-proġett tal-*Housing Estate* fixxaqliba li minn San Girgor tagħti għar-raħal t'isfel ser jikun jikkonsisti f'250 dar li qed jinbnew mill-Gvern biex jiġu mikrijin b'rati baxxi kemm hu possibli.

Għalkemm kulħadd ser jiġi kkonsidratt biex jakkwista waħda minn dawn id-djar, hu ċar u xieraq li jingħataw preferenzi lil min hu l-aktar fil-bżonn għall-dar, jiġifieri familji li qed ighixu f'xi lok żgħir u li ma humiex iġieniċi biżżejjed, u għarajjes.

Ix-xogħol qed isir mill-ħaddiema tal-Gvern, billi dawna kienu rrifjutaw li jitolbu "leave" twil minn mal-gvern u jaħdmu mal-kuntratur. Proġetti oħra ta' djar f'bnadi oħra qed jiġu mibnijin mill-kuntratturi.

Barra mix-xogħol tal-bini ta' djar infushom qed ukoll nippjanaw toroq li jifirdu dawn id-djar minn xulxin, igħaddu d-dranaġġ, l-ilma u l-elettriku sabiex l-*estate* jkun moqdi bill-ħtiġijiet moderni kollha."

### KUMMENTI EDITORJALI

*Nittamaw illi meta jasal iż-żmien biex jiġu allokati dawn id-djar tingħata preferenza lin-nies taż-Żejtun, għaliex bħalma kulħadd jaf il-popolazzjoni tar-raħal naqset b'aktar minn 1000 ruħ f'dawn l-aħħar 10 snin minħabba nuqqas ta' djar.*

*Nixtiequ wkoll li ikun hemm aktar surveljanza fuq ix-xogħol għax fil-fehma tagħna għan-numru ta' nies li hemm jaħdmu u għan-numru ta' makkinarju fuq il-lant, ix-xogħol miexi bilmod wisq, u barra milli dana iżid l-ispiża ġenerali tal-proġett, itawwal ukoll bla ħtieġa ż-żmien tiegħu.*